# AVVIŻI

Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2015 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 3 u 17 ta' Mejju 2015 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 7 ta' Ġunju 2015 fis-6.30p.m. – Adorazzjoni Ewkaristika
Il-Ħadd 21 ta' Gunju 2015 fis-6.30pm
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Lulju 2015 fis-6.30p.m.

**Il-laqgħa tat-3 ta' Mejju 2015 li taħbat f'għeluq id-29 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda bir-ru**żarju **minn tarf it-triq il-qadima.**

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 102 April 2015 JITQASSAM BLA ĦLAS



**"Ġuża kienet mara qaddisa, kienet mara tajba, kienet mara illi kienet tgħid li tkellimha l-Madonna. Jiena ma għandi l-ebda dubbju li lil Ġuża kienet tkellimha l-Madonna. U jiena nirringrazzja lill-Mulej li laqqagħni magħha għax żgur li għandi min qed jitlob għalija fis-sema..."**

Mons. Amante Buontempo

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura Għid Qaddis lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Ġesu qalilna, "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."**

# DIRETTURI SPIRITWALI U SAĊERDOTI OĦRA LI GĦENU LIL ĠUŻA MIFSUD MONS. AMANTE BUONTEMPO
## (It-tieni parti)

Personalment ma nistax ninsa l-paċenzja li kien jieħu bija meta kont nippubblika xi ktieb ġdid. Kien idur il-manuskritt b'reqqa kbira u dejjem kellu kliem ta' tifħir kif jixhdu l-"Kelmtejn ta' Introduzzjoni" li kiteb għas-Seba' Ktieb. Iżda darba kien ġideb l-attenzjoni li meta niġu għat-traduzzjoni jkun aħjar li tinkiteb in-nota li fejn jista' jkun hemm diskrepanza bejn it-test Malti u dak Ingliż, huwa t-test Malti li jipprevali.

### MARA TA' QDUSIJA KBIRA

Għall-Monsinjur, Ġuża kienet mara ta' qdusija kbira. Kemm-il darba stqarr li hu jibqa' mistagħġeb bi kliemha. F'Settembru 1989 huwa qal hekk: "...nixtieq nagħlaq proprju b'dawn il-kelmiet li xtaqt ngħidhom anka fil-pubbliku, li tiskanta li din il-mara ta' mingħajr ebda skola li kultant tuża ċertu termini, ċertu kliem illi żgur mhux qed tgħidhom hi, impossibbli li tgħidhom hi għax hi qatt ma tgħallmet skola, kif trid tgħidhom! U tiskanta kif tikteb u tħalli...

Dan żgur illi hemm l-Id t'Alla u d-driegħ tal-Madonna illi qegħdin ikomplu jmexxuna u jiena nittama illi ma ndumux jekk Alla jrid ma naraw iseħħ dak illi jista' jidher ħolma imma m'ijiex ħolma, hija rejalta l-aktar kbira għal ġid ta' Malta u tad-dinja kollha."

F'intervista li saritlu f'Ġunju 2004 huwa stqarr "...Kullma jmur kull laqgħa illi kien ikolli magħha kienu dejjem jikkonfermaw il-konvinċiment tiegħi illi Ġuża kienet mara qaddisa u li kienet tkellimha l-Madonna, għax ċertu affarijiet li kienet tgħid ma setgħet qatt tivvinthom hi, toħloqhom hi. Din ma kinitx intelliġenza, ma kinitx xi mara li taf l-affarijiet, allura dak kollu li kienet tgħid ma setgħax joħroġ mill-għerf tagħha bħalma jista' joħroġ ħafna affarijiet oħra mill-għerf ta' xi bniedem li joħloq u jivvinta.

Dan il-konvinċiment tiegħi nikkonfermah kieku kelli nintalab biex nieħu ġurament lest biex nieħdu. Għaddew il-ġimgħat, ix-xhur u s-snin li għaddejna flimkien. Kienet qaltli mill-ewwel li hi kellha bħala Direttur Spiritwali lil Dun Ġorġ Preca, lil Dun Salv, Mgr. Grima u oħrajn li forsi l-anqas kont nafhom. Jiena lil Dun Ġorġ Preca kont nafu personalment u kelli affarijiet oħra miegħu, Meta hi qaltli li kellha bħala Direttur Spiritwali lil Dun Ġorġ komplejt nikkonvinċi ruħi..."

Fid-daħla għas-seba' ktieb huwa kiteb: "Nixtieq nuri l-istgħaġib tiegħi għall-kontenut wisq għani ta' dan il-ktieb diffiċli u faċli fl-istess ħin.



Bħalma jaf kulħadd, Ġuża Mifsud hi aktarx analfabeta, kemm kemm taf tħarbex xi kliem fuq biċċiet ta' karti, kultant fuq il-qoxra ta' xi pitazz jew fuq il-vojt ta' xi djarju jew kalendarju bejn il-kliem stampat, fejn kienet tħażżeż xi kliem li tifhmu hi biss. B'danakollu dan il-ktieb juri b'mod impekkabbli l-intelliġenza straordinarja, li kellha Ġuża Mifsud. Minn fejn din l-intelliġenza ta' Ġuża jekk m'hux mis-Sema u mill-Madonna, li tant kienet tħobb?..."

### IWWASSAL LIL ĠUŻA L-GIRGENTI

Ħafna kienu d-drabi li kien hu li wassal lil Ġuża għal-laqgħat fil-Girgenti. Hawn ma nistax ma nsemmix il-laqgħa ta' Ġunju 1988. Kien il-Monsinjur li waqt li qed iwassalha bil-karozza u waslu ħdejn iċ-Cimiterju tas-Siġġiewi qalilha, "Ġuża llum l-ajru iswed wisq u ħa jidlam kmieni." Iżda ħi weġbitu li l-bandiera dalwaqt kienet ser toħroġ u wara kien ser ikun hemm xi ħaġa oħra. Kien proprju dakinhar li bosta minn dawk preżenti kienu raw diversi kambjamenti fix-xemx.

Fl-intervista ta' Ġunju 2004, huwa qal, "U fir-rejalta jiena wkoll ħassejt li kien hemm xi moviment u ħafna nies ukoll staġbu. Veru jew mhux veru? Jien naħseb li hu verissimu illi wara kollox, dankwazi min jaf dak li ġara anka banda oħra dawn mhux affarijiet li wieħed jaqbad u jemminhom kif ġie ġie u mingħarj konferma. Jiena nħoss li kien hemm rejalta u verita, ħafna nies, issa naturalment mhux kulhadd jara u kulħadd iħoss dak li jkun qed jiġri, imma jekk kwantita ta' nies raw dak li rajt jien ma naħsibx li lkoll kemm aħna, kompriż lili nnifsi, xi nies boloħ illi nemmnu dak li jgħidulna. Jiena zgur li m'inhiex minn dawn in-nies li tbellagħli malajr xi ħaġa li ma tkunx vera.

Ġuza Mifsud kellha mingħand il-Madonna setgħat straordinarji u dawn is-setgħat jiġu mir-rivelazzjonijiet li kienet tagħmlilha, rivelazzjonijiet privati..."

### ĦIDMITU TKOMPLI WARA MEWTHA

Il-ħidma ta' Mons. Buontempo ma waqfitx mal-mewt ta' Ġuża. Kien ilu snin jitħabat biex fil-Girgenti tiġi ċċelebrata quddiesa u żgur li fl-aħħar żminijiet ta' ħajtu l-aktar mument ta' ferħ għalih kien proprju fid-19 ta' Marzu 2003. Kien ferħan se jtir għax l-Arċisqof taħ il-permess li jagħmel quddiesa fil-post tant għażiż għalih tal-Girgenti. Għalih kienet warda li kif qal hu stess dakinhar, kien ser iqiegħed f'riġlejn il-Madonna, biex hi tkattarha u tkompli twarrad.

### AKKUMPANJA LIL ĠUŻA L-KURJA

Kif jixhdu ritratti ta' l-okkażżjoni huwa kemm-il darba akkumpanja

lil Ġuża l-Kurja flimkien ma' Dun Nazzaren Tonna. Tajjeb ngħid li sa minn kmieni żamm kuntatt ma' Mons. Carmelo Xuereb tant li fl-24 ta' Frar 1986, inkitbet "file note", iffirmata kemm minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali u Dun Amante Buontempo li kienet tgħid hekk:

"Illum, 24 ta' Frar, iltqajt mar-Rev.du Dun Amante Buontempo fl-uffiċċju tiegħi.

Tkellimna dwar Ġuża Mifsud tas-Siġġiewi. Konna ta' l-istess fehma li Ġuża hi ruħ l-aktar tajba u sibna li wieħed ma jistax jeskludi l-possibilta ta' rapport ntimi li din seta' kellha mal-Madonna u li l-Omm tagħna tas-Sema wasslitilha xi messaġġi.

Ibbażajna dan fuq dak li qalilna kemm-il darba l-konfessur tagħha, Mons. Salv. Grima, kif ukoll fuq dak li qaltilna Ġuża nnifisha. Hu tajjeb li wieħed jinnota li Mons. Grima hu saċerdot magħruf għal ħajja tiegħu l-aktar eżemplari u qaddisa u lid an ilu konfessur ta' Ġuża għal aktar minn 35 sena.

¬ertament din hi opinjoni privata tagħna u nifhmu li għadu mhux il-waqt ta' interventi ufficjali fil-każ taħt eżami.

Aħna nżommu li jekk il-Madonna trid li dawn l-allegati dehriet jieħdu forma uffiċjali taf twassal għal dan meta jidrilha li ż-żmien ikun matur u f'waqtu."

## UBBIDJENZA LEJN L-AWTORITA TAL-KNISJA

Monsinjur Buontempo dejjem kellu ubbidjenza u rispett lejn l-Awtoritajiet tal-Knisja. Fl-aħħar laqgħa li ndirizza fil-Girgenti, dik tal-5 ta' Mejju 2003, huwa wissa lil dawk preżenti:

"Nirrakomandalkom minn qalbi, obduh lill-Arċisqof għax min jobdi mhux biss isir qaddis, imma min jobdi jaqla' dak kollu li jixtieq u jaqlagħhom l-affarijiet li jixtieq mhux meta jitlobhom tafux, meta ma jkunx jistennihom... Uliedi, isimgħu minni, tgħaġġlux, il-mument jiġi meta ma tkunux tistennewh... Hawnhekk bilfors għad irid isir dak li kienet tgħid Ġuża. Ġuża kienet mara qaddisa, kienet mara tajba, kienet mara illi kienet tgħid li tkellimha l-Madonna. Jiena ma għandi l-ebda dubbju li lil Ġuża kienet tkellimha l-Madonna. U jiena nirringrazzja lill-Mulej li laqqagħni magħha għax żgur li għandi min qed jitlob għalija fis-sema..."

Din l-ubbidjenza u rispett ta xhieda tagħhom Monsinjur Carmelo Zammit fl-Omelija li għamel waqt il-funeral tiegħu, meta qal, "Aktar milli għal dak li għamilt għal Girgenti, aktar ser tibqa' magħruf għal dak li ma għamiltx b'rispett lejn l-ubbidjenza li kellek lejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi."

**Sylvana Spiteri LL.D**



## RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jirringrazzja lil dawk il-qarrejja li jibgħatu xi donazzjoni sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Għalkemm il-Fuljett jitqassam bla ħlas imma l-ispejjeż tal-istampar u tal-posta huma sostanzjali u għaldaqstant kull donazzjoni hija ferm apprezzata. Inwegħdtu t-talb tagħna lil dawn il-benefatturi. Il-Mulej iberrikkom, il-Madonna iżżommkom taħt il-protezzjoni tagħha u Ġuża Mifsud tinterċedi għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.

## IT-3 TA' MEJJU 2015 – L-ANNIVERSARJU

Dak inhar niffesteġġjaw id-disgħa u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa sabiħa li dakinhar niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QLUB TA' ĠESÙ U TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2014 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew ikellmu lil xi membru tal-Kumitat.

## IS-7 TA' ĠUNJU 2015

Adorazzjoni Ewkaristika fil-preżenza ta' Ġesù Sagramentat.
Ejjew ħalli flimkien infaħħru lil Ġesù u npattu
għad-disprezzi li huwa jirċievi minn tant bnedmin.
Din l-Adorazzjoni Ewkaristika qegħda ssir
bil-permess ta' Monsinjur Arċisqof.

# TALBA

Sinjur Alla ta’ l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta’ mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta’ Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

# TALB QASIR MINN ĠUŻA MIFSUD

Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija, Spirtu s-Santu Alla, insellmulkom, nadurawkom u nħobbukom. Madonna aħna nsellmulek. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Ommna Marija Santissima bil-għajnuna li inti tatina aħna spiss niġu f'dawn l-inħawi tal-Girgenti biex quddiemek u quddiem il-Majjesta tal-kbir Alla, mieghek nitolbu u nagħmlu l-penitenzi. Pater, Ave u Glorja.

Madonna, aħna nħobbuk. Inti tajtna ħafna direzzjonijiet, għajnuna u kuraġġ biex f'dan il-post aħna nqaxxna ħafna ġrajjiet sbieħ, ħafna atti ta' mħabba u penitenza lejn il-kbir Alla, lejn il-Mulej Ġesu u biex inkabbru l-fidi li jagħtina l-Ispirtu s-Santu. Pater, Ave u Glorja.

Mid-dija xemxija li minna ġejjin ismagħha Madonna din it-tislima tagħna l-Maltin u l-Għawdxin u tad-dinja kollha maqgħuda fl-imħabba u t-tama li inti tatina mis-smewwiet. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Madonna meqjuma f'dan il-mafkar tal-Girgenti, agħtina l-għajnuna tiegħek biex aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar inkunu kuntenti u agħmel li Malta u d-dinja jimtlew b'imħabba kbira lejn is-sema biex il-Missier tagħna ċelesti jkompli jgħinna, jaħfrilna u jippreparana għall-mewta tajba. Pater, Ave u Glorja.

Għażiża Madonna tal-Konsagrazzjoni, kompli ifhimna u itlob għalina quddiem il-kbir Alla u quddiem ibnek Ġesu kemm fis-sema u kemm fl-art biex tressaqna għal dak il-post imħejji għalina fil-Ġenna. Pater, Ave u Glorja.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**N. N. minn Raħal Ġdid** kitbet hekk: Nixtieq nirringrazzja lil Alla għax bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni (Madonna tal-Girgenti) u bl-interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud, għoġbu jevitali operazzjoni.

Kelli uġiegħ kbir fl-irkoppa tal-lemin u l-ispeċjalista qalli li għandi bżonn operazzjoni. Tlabt ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud biex jidħlu għalija quddiem Alla biex jgħinni waqt din l-operazzjoni. Meta mort għall-eżami ta’ qabel l-operazzjoni, il-kirurgu sab li ma kellix bżonn l-operazzjoni għalissa. Għadu ma jafx jekk fil-futur ikollox bżonnha. Għaldaqstant ħassart l-appuntament li kelli għall-ġimgħa ta’ wara meta kelli niġi operata. Grazzi Mulej, grazzi Madonna, grazzi Ġuża.

**M. A. minn Ħal Qormi** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Tgħid li kellha sogħola qawwija ħafna. Ħadet ħafna misturi u affarijiet oħra imma ma setgħetx tgħaddilha b’xejn. Talbet lill-Madonna u xorbot mill-ilma tal-Girgenti filwaqt li kompliet tieħu l-mistura. Is-sogħola għaddietilha għal kollox, qisu qatt ma kienet.

**N.N. minn Santa Venera** bagħatilna rapport dwar grazzja maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna. Jirrakkonta li fl-14 ta’ Mejju 2013 huwa kellu bżonn imur l-isptar Mater Dei sabiex issirlu spezzjoni fil-bużżieq tal-awrina peress li kien isofri minn prostata kbira. Kienet proċedura li ħadet biss minn żewġ sa’ tliet minuti pero kien ġie avżat li jkun hemm iċ-ċans li wara dan it-test jara xi traċċi ta’ demm.

Hekk ġara iżda ma kienx inkwetat. Iżda matul il-lejl ma setax jgħaddi awrina u ħass żaqqu ser tisplodi. Daħal jieħu doċċa sħuna bil-ħsieb li s-sħana tal-ilma ssolvi l-problema.

Il-mara tiegħu marret tara x’ġara u meta qalilha li kien ilu tliet siegħat muġugħ, hi mmedjatament marret iġġib flixkun ilma li kienu niżżlu mill-Girgenti. Minkejja li kif intqal qabel, kien qed iħosst żaqqu ser tisplodi iżda xorta talabha toħodlu tazza sabiex jixrob ftit. Xorob ftit ilma u qal talba lill-Madonna, b’fiduċja kbira fil-Madonna li kienet ser tgħinu.

Hekk ġara, kważi b’mod instantanju. Hu seta’ jgħaddi l-awrina u mingħajr traċċi ta’ demm. Wara tliet siegħat ta’ uġigħ, il-problema solviet ruħha f’sekonda. Għalih dan kien miraklu ċkejken – grazzi għall-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, tal-Girgenti.